



KE-78-09-735-MT-C

# Id-diversità fix-xogħol

## Gwida għall-SMEs

## Werrej

L-Impjegaturi tal-SMEs u d-Diversità 1

X'jaħsbu u x'jagħmlu impjegaturi oħra tal-SMEs  
dwar id-'Diversità'? 2

X'nista' nagħmel jien? 3

**L-Aqwa 8 Suġġerimenti 4**

1. Ħares lejn in-negozju tiegħek 4
2. Impjega minn firxa ta' talenti iktar diversi 5
3. Ikseb klijenti ġodda u idħol fi swieq ġodda 6
4. Ippjana negozju bbażat fuq id-domanda 7
5. Tejjeb il-komunikazzjoni mal-impjegati 8
6. Ikseb dehra u reputazzjoni aħjar 9
7. Evalwa dak li tkun għamilt 10
8. Ikseb għajnuma u appoġġ 11

**Aktar pariri 13**

- Lista ta' kontrolli dwar id-diversità 14
- Indikaturi għall-oqsma ewlenin 15
- Deskrizzjoni tax-xogħol 15*
- Speċifikazzjoni tal-persuna 15*
- Kif tirreklama post battal 16*
- Kif tagħżel il-'persuna xierqa għall-impjegat' 17*
- Żamma tal-impjegati 18*
- Kif tippromwovi n-negozju 19*

**Riżorsi 20**

**Publikazzjonijiet mill-Kummissjoni Ewropea 20**

**Ħoloq u kuntatti siewja 20**

## L-impjegaturi tal-SMEs u d-Diversità

- Il-ġabra tradizzjonali ta' ħaddiema li l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jimpjegaw minnha qed tonqos.\*
- Il-migrazzjoni minn barra l-UE se tkun is-sors ewlieni ta' tkabbir tal-popolazzjoni.
- L-ammont ta' persuni ta' aktar minn 65 sena hu maħsub li jirdoppja, meta mqabbel man-numru ta' dawġ fl-età tax-xogħol.
- Il-gruppi ta' ħaddiema mħarrġa li mhumiex fid-dinja tax-xogħol, qegħdin dejjem jikbru.
- Il-bidliet kulturali u demografiċi qed iwasslu għal talbiet differenti mill-konsumaturi.

L-isfida tan-negozji kollha fl-Ewropa hi li l-provvista tax-xogħol u t-talbiet tal-konsumaturi tagħhom mistennija li jinbidlu b'mod drastiku.

Din il-pubblikazzjoni għandha tgħin lin-negozju tiegħek biex jindirizza dawn il-bidliet u b'riżultat ta' dan tagħmel lilek u lill-UE aktar kompetittivi – mira ewlenija tal-Kummissjoni Ewropea.

Din il-gwida hi maħsuba biex tgħin lill-impjegaturi tal-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jaħsbu b'mod aktar intelliġenti dwar kif u minn fejn jistgħu jingagħgaw magħhom in-nies u dwar is-swieq li jistgħu jaċċessaw.

\* Minħabba tendenzi demografiċi, kulturali u migratorji li jaffettwaw ukoll il-provvista lokali tax-xogħol, li hi s-sors ewlieni ta' reklutaġġ għall-SMEs.

L-idea bażika wara dan il-ħsieb aktar intelliġenti hi d-'Diversità'.

Id-'Diversità' tfisser li n-negozji jittgħallmu jisfruttaw id-differenzi fis-suq tax-xogħol u l-bażi tal-konsumaturi ħalli jtejbu l-kompetittività tagħhom u jindirizzaw il-bidliet.

**Erba' affarijiet li għandek tkun taf dwar id-'Diversità':**

- Xi drabi ssir referenza għaliha bħala l-'Ġestjoni tad-Diversità', 'Il-Każ Kummerċjali għad-Diversità', 'Il-Vjaġġ Lejn id-Diversità', 'L-Ugwaljanza u d-Diversità', jew 'Id-Diversità u l-Inklużjoni'.
- Id-diversità mhix dwar: li ġġiegħel lin-negozji jimpjegaw aktar nies milli jridu jew milli jeħtieġu, li tinforza l-leġiżlazzjoni jew li żżid ir-regolamentazzjoni.
- Id-diversità hi dwar: li n-negozji jibdew jaħsbu b'mod aktar intelliġenti dwar dak li jagħmlu u jaddottaw approċċ iżjed loġiku għall-ġestjoni tan-negozju, minflok ma jużaw l-'istint naturali' tagħhom li jesponihom għal riskju bla bżonn.
- Qiegħda hemm għal kwalunkwe daqs ta' negozju u tista' tkun sempliċi u veloċi kemm trid int.





Fit-taqsimiet li ġejjin se naraw x'jaħsbu u x'inhuma jagħmlu **impjegaturi tal-SMEs** oħra dwar id-'Diversità' u se nagħtuk xi **suġġerimenti sempliċi** biex ngħinuk taddotta approċċ tad-'Diversità' fin-negozju tiegħek. Qed noffrulek ukoll xi pariri dwar ir-**reklutaġġ, il-ġestjoni tal-impjegati** u l-**promozzjoni**. Fl-aħħar nett, jekk tkun interessat/a li ssir taf aktar, se ssib xi organizzazzjonijiet u pubblikazzjonijiet utli fit-taqsimi tar-**Riżorsi**.

## X'jaħsbu u x'jagħmlu impjegaturi oħra tal-SMEs dwar id-'Diversità'?

Fl-2008 l-Kummissjoni Ewropea ffinanzjat studju biex issir taf xi tfisser id-'Diversità' għall-intrapriżi ż-żgħar u l-medji (SMEs).

Dan l-istudju kopra s-27 Stat Membru kollha tal-UE u kien jikkonsisti fi **kwestjonarji u intervisti** ma' sidien/maniġers ta' SMEs ta' kull daqs u minn kull settur.

### X'jaħsbu u x'jagħmlu impjegaturi oħra tal-SMEs dwar id-'Diversità'?

- Fil-biċċa l-kbira tagħhom **ma jagħrfux il-lingwaġġ** użat mill-organizzazzjonijiet governattivi biex jiddeskrivu l-idea tad-'Diversità'.
- Madankollu **jagħmlu ħafna mill-affarijiet li tfisser id-'Diversità'**, bħal pereżempju l-flessibbiltà bil-ħinijiet tax-xogħol biex jippromwv u l-produttività u biex jimpjegaw l-aħjar ħaddiema.
- Jista' jkollhom l-idea **żbaljata li d-'Diversità' hi aġenda tal-gvern** biex jimpjegaw persuni li ma jkunux iridu jew jeħtieġu, sempliċiment għax huma 'Differenti'.

- Ħafna drabi huma, b'mod speċjali l-SMEs iż-żgħar, **ma jintebħux bil-benefiċċji li tista' tagħtihom id-'Diversità'** u jibqgħu vulnerabbli billi jibbażaw fuq l-'istint naturali' u fuq il-ġestjoni informali tan-negozju.
- Huma, b'mod speċjali l-SMEs il-kbar, **diġà bdew jimplementaw il-ġestjoni tad-'Diversità'** u qegħdin jintebħu bil-benefiċċji tat-titjib fil-kompetittività.
- Huma, b'mod speċjali l-SMEs iż-żgħar, jistgħu jaħsbu b'mod żbaljat li d-'Diversità' **qiegħda hemm biss għall-kumpaniji l-kbar** u li hi kkomplicata ħafna u tiegħu ħafna ħin (mentri mhux hekk!).
- Huma, b'mod speċjali l-SMEs iż-żgħar li ma kinux semgħu bid-'Diversità', **malajr intebħu li setgħu jibbenefikaw** mill-approċċ bażiku ta' negozju tagħha. Tgħallmu kif jevitaw jew jindirizzaw problemi preċedenti li kienu ltaqgħu magħhom.

*"Id-diversità qiegħda hemm biex nassiguraw li ngħaddu minn kull fażi ta' kiri jew impjegar ta' persuni b'mod effiċjenti u professjonali, u mhux biex nassiguraw li nilħqu xi miri jew kwoti biex tkun impjegata xi tip ta' persuna. Fl-istess ħin, id-diversità tgħinna biex nevitaw milli nagħmlu l-iżbalji matul il-proċess tar-reklutaġġ."*

## X'nista' nagħmel jien?

Din it-taqsimi toffri xi **suġġerimenti u pariri sempliċi** dwar x'għandek tagħmel jekk qed taħseb biex taddotta approċċ aktar effiċjenti għar-reklutaġġ, għall-ġestjoni tal-impjegati u għall-promozzjoni: il-koll parti mid-'Diversità'.

L-ewwel taqsimi tippreżenta **8 suġġerimenti ta' malajr** dwar x'jista' jsir. Is-suġġerimenti, ibbażati fuq l-esperjenzi tas-sidien/maniġers, huma maħsuba biex jagħtuk l-aktar ħans li bih tagħmel l-affarijiet sewwa u tevita l-kwestjonijiet li ġeneralment jikkawżaw il-problemi fl-SMEs.

It-tieni taqsimi toffri **pariri aktar dettaljati** dwar x'jista' jsir biex ikun żgurat li **r-reklutaġġ, il-ġestjoni tal-impjegati u l-promozzjoni** jsiru b'mod effiċjenti u professjonali billi jiġu applikati xi attivitajiet bażiċi tad-'Diversità'.

Jista' jkun li diġà qed tagħmel xi wħud minn dawn il-punti, iżda m'intix issejnhom 'Diversità', jew m'għandekx mod kif turi li fil-fatt qed tagħmilhom (**evidenza formali**). Meta ssewgi xi wħud mis-suġġerimenti ta' din il-gwida, in-negozju tiegħek ikun jista' jkseb l-**akbar benefiċċju** mill-isforz li tagħmel.



## L-Aqwa 8 Suġġerimenti

It-8 punti m'hemmx bżonn li jiġu kkunsidrati wara xulxin iżda l-ewwel punt hu introduzzjoni naturali għall-oħrajn li jsegwu.

### 1. Ħares lejn in-negozju tiegħek

Hu l-ħin biex tikkunsidra l-punti b'saħħithom, it-theddiet, id-dgħufijiet u l-opportunitajiet li jiffaċċja n-negozju tiegħek fir-rigward ta':

- ✓ **Il-forza tax-xogħol** – il-ħiliet, l-esperjenza, l-għerf, il-kultura, l-età, il-ġeneru, u l-orijini etnika – l-ideat ġodda (l-innovazzjoni) u t-talenti joħorġu minn taħlita varjata ta' nies.
- ✓ **Ir-reklutaġġ** – kif qed tagħmlu (jekk fil-fatt tagħmlu)? qed tħalli barra lill-persuna xierqa jew qed timpjega lill-persuna żbaljata? tibbaża biss fuq il-'kelma bil-fomm' u fuq l-'istint naturali' jew għandek approċċ aktar formali u loġiku?
- ✓ **It-taħriġ** – qiegħed isir? għandu jsir? qiegħed toħroġ l-aħjar mill-impjegati u tgħollilhom il-moral? hemm programmi (offruti mill-istat) li jistgħu jgħinuk?

✓ **Il-komunikazzjoni** – il-ħaddiema kif jafu x'qegħdin jagħmlu jew kif għandhom jaġixxu ma' xulxin u mal-konsumaturi? kulħadd jista' jikkontribwixxi l-ideat tiegħu?

✓ **L-istil tat-tmexxija** – min għandu r-responsabbiltà? jista' jkun differenti jew organizzat aħjar? kif tista' tagħmel l-aħjar użu minn ħinek u mill-impjegati tiegħek?

✓ **Il-klijenti** – tixtieq li jkollok bażi akbar u aktar varjata ta' klijenti? il-klijenti għandhom ċans jikkontribwixxu l-ideat tagħhom? x'tip ta' relazzjoni għandek man-nies li jixtru mingħandek jew li jbigħulek?

✓ **Ir-regolamenti dwar il-ħaddiema u l-liġi** – tixtieq tevita l-problemi, tikseb għajnunja b'xejn u tirbaħ kuntratti ġodda mas-settur pubbliku billi turi li inti proattiv għax tħaddem approċċi tajbin?

Ibda bil-mod, ma jiħux ħafna żmien, u meta tkun qed taħseb fuq dawn l-affarijiet, **aħseb dwar dak li tixtieq tbiddel**. Iffissa xi **miri** (eż. ara li ttejjeb ir-reazzjonijiet mill-klijenti u aħdem biex jibdwew ifittxuk nies li normalment ma jużawx in-negozju tiegħek). Is-**suġġerimenti** li ġejjin għandhom jgħinuk tilħaq dawn il-miri.

### 2. Impjega minn firxa ta' talenti iktar diversi

It-tħassib ewlieni hu li ma tkunx kapaċi ssib il-persuna xierqa jew li timpjega l-persuna żbaljata. Dan għaliex is-sidien ħafna drabi jużaw il-'**kelma bil-fomm**' u jieħdu d-deċiżjonijiet tar-reklutaġġ skont jekk il-persuna '**togħġobhomx**' jew le (mill-'istint naturali').

Li tiegħu deċiżjoni bbażata fuq il-valuri, l-attitudnijiet u fuq it-twemmin personali tiegħek hu fatt li jikkawża l-problemi. Fil-fatt jista' jwassal **għad-diskriminazzjoni** u biex saħansitra tkun impjegata l-**persuna żbaljata**.

Iżda jekk tagħraf tagħmel il-proċess sewwa, b'ċans kbir timpjega lil xi ħadd li tista' tafda, li jista' jagħmel ix-xogħol, u li jkollu **kontribut siewi** għan-negozju. U jekk trid tirbaħ kuntratti minn organizzazzjonijiet akbar (speċjalment dawk statali), dawn se jitolbuk biex tiegħu dan l-approċċ tad-'**Diversità**' xorta waħda!

### Kif tagħmel dan


- ✓ Iddeċiedi fuq **il-ħiliet, l-għerf u l-esperjenza** li jeħtieġ in-negozju biex jimla l-impjieg speċifiku.
- ✓ Minn dawn ipproduċi: '**deskrizzjoni tax-xogħol**' (x'se tkun mistennija li tagħmel u tikseb il-persuna, il-kompiet

ur-responsabbiltajiet ta' kuljum) u '**speċifikazzjoni tal-persuna**' li tiddeskrivi l-ħiliet u l-esperjenza meħtieġa – jekk m'intix ċert, itlob l-għajnunja (eż. mill-kamra tal-kummerċ tiegħek, min-negozju lokali, mingħand membri oħrajn tal-personal, mill-assoċjazzjoni professjonali jew tas-sengħa tiegħek, mill-gvern lokali jew fittex fuq l-internet).

✓ Iċċekkja li d-deskrizzjoni tax-xogħol **ma teskludi lil ħadd** milli japplika għax tkun speċifikajt li l-kandidati jridu jkunu b'xi sfond, minn xi post, ta' età partikolari, eċċ. Hemm ċerti rekwiżiti li tista' tispeċifikahom skont ix-xogħol, u li l-liġi tippermettihom jekk ikunu meħtieġa għall-impjieg. Jekk ma tkunx ċert dwarhom, itlob l-għajnunja.

✓ Evita proċessi ta' reklutaġġ ibbażati fuq il-'kelma bil-fomm'. Kun ċert li l-approċċ tiegħek jippermetti (u jinkoraġġixxi) **li japplikaw kemm jista' jkun nies possibbli** (eż. uża lingwi differenti, siti elettroniċi li huma aċċessibbli għall-persuni għomja u dawk b'vista parzjali, gazzetti lokali, ħwienet użati minn firxa ta' komunitajiet, organizzazzjonijiet kummerċjali jew professjonali/magazines, istituzzjonijiet governattivi, eċċ.).

✓ Iddikjara li **tilqa' applikazzjonijiet mis-sezzjonijiet kollha tal-komunità** u offri li titkellem b'mod informali dwar l-impjieg mal-kandidati potenzjali.



✓ Fl-għażla tal-applikanti, ara li tiġġudika l-applikazzjoni tagħhom skont id-deskrizzjoni tax-xogħol u l-ispeċifikazzjoni personali tagħhom, agħtihom punteġġ u evita li tagħmel ġudizzji personali (eż. dwar minn fejn huma, l-età, il-ħin ta' frank li jistgħu jieħdu, eċċ.) u minflok **iffoka biss fuq l-esperjenza, il-kompetenzi u l-ħiliet**.

✓ L-intervista hi l-aktar mod komuni kif tiegħu deċizzjoni, aħseb dwar il-mod kif din issir (eż il-ħin, il-post, l-aċċess). Tista' wkoll tagħti **biċċa xogħol jew problema relatata max-xogħol** lill-persuna li tkun qed tintervista. Ara li jkollok xi tip ta' sistema għall-għoti tal-punteġġi: numri minn 0-10 jew gradi. Użaha biex tagħmel **valutazzjoni oġġettiva** ta' min hu l-aktar addattat għall-impjeg. Qabbad lil kull min japplika biex jagħmel l-istess ħaġa u pprova li jkollok iżjed minn persuna waħda mill-kumpanija tiegħek involuta fil-proċess (jekk ikun possibbli).

### 3. Ikseb klijenti ġodda u idħol fi swieq ġodda

Biex tilħaq **bażi varjata ta' klijenti** għandek bżonn diversità ta' impjegati jew tal-anqas fehem ta' kemm jistgħu jkunu differenti l-klijenti. Dan jista' jkun f' termini ta' età, ġeneru, twemmin, oriġini etnika, orjentazzjoni sesswali jew ħila, u jrid ikollok ukoll fehem tal-ħtiġijiet differenti tal-klijenti.



Il-kumpaniji l-kbar ilhom jagħmlu dan għal żmien twil. Dawn **jimmiraw għal swieq differenti** billi jużaw impjegati li jkollhom affinità ma' bażi partikolari ta' klijenti u **jaddattaw servizzi u prodotti apposta, skont il-ħtiġijiet tagħhom**. Dan il-fatt jipprova aċċess għal swieq ġodda, jiżviluppa lealtà mill-klijenti u jżid id-dħul fi ħdan il-bażi tal-klijenti eżistenti.

**Tkunx limitat** billi tinnegozja ma' suq wieħed fiss magħruf (ħafna drabi bbażat fuq relazzjoni personali tajba mal-klijenti), li jħallik vulnerabbli jekk jinbidel jew jonqos.

#### Kif tagħmel dan

✓ **Agħraf id-diversità u d-daqs tas-suq potenzjali** li jistgħu jappellaw għal varjetà (eż. firxa ta' etajiet, orjentazzjonijiet sesswali differenti, oriġini etnika, kwistjonijiet dwar diżabbiltà, u drawwiet kulturali ta' diversi komunitajiet). Jista' l-prodott jew is-servizz tiegħek ikun addattat biex jappella għal swieq ġodda differenti, jew inkella qed tagħmel xi ħaġa li qed tbiegħed lin-nies min-negożju tiegħek li tista' tbiddilha mingħajr ma tiflew il-klijenti eżistenti tiegħek? Qiegħed tgerrex klijenti potenzjali b'xi ħaġa li jistgħu ma jkunux komdi biha?

✓ **Irriċerka l-ħtiġijiet ta' klijenti potenzjali ġodda;** din tista' tkun biċċa xogħol ħafifa biex issir, bħal ngħidu aħna tara siti elettroniċi ddedikati għal dawn il-komunitajiet, tistaqsi lill-ħbieb jew lil

familji b'għarfien speċifiku ta' kulturi oħra jew billi tistaqsi lill-impjegati tiegħek stess. Kun ċert li l-materjal promozzjonali jkun aċċessibbli u aċċettabbli minn kulħadd.

✓ In-negożji mikro u żgħar għandhom tendenza li jkollhom relazzjoni ħafna aktar intima mal-klijenti mill-kumpaniji l-kbar. Uża sewwa din ir-relazzjoni u **ikseb reazzjonijiet mingħand il-klijenti**.

✓ **Agħraf il-benefiċċji** li joħroġu billi tqabbel il-personalità, l-età, l-isfond u l-istil tal-impjegat/a mal-klijenti. Jew tal-anqas ikseb għarfien personali tal-persuni li tkun qiegħed tittratta magħhom (jekk din tkun ir-responsabbiltà tiegħek) ħalli tkun taf kif għandek tirrelata magħhom. Trid xi ħaġa li tattirahom u oġġibhom lura.

✓ **Skopri u uża l-opportunitajiet il-ġodda tal-midja** (eż. rivisti lokali, radju, gruppi soċjali, siti elettroniċi) jew uża l-postijiet fejn jiltaqgħu n-nies (eż. il-ġenituri barra l-iskejjel) ħalli tiffoka l-promozzjoni fuq gruppi ġodda, aktar milli twaddab il-fuljetti fid-djar!

✓ **Ikseb xi taħriġ bażiku** biex jgħin lilek u lill-impjegati tiegħek tittrattaw ma' bażi varjata ta' klijenti. Dan jista' jvarja milli sempliċiment titgħallem dwar id-drawwiet u l-attivitajiet ta' ċerti gruppi, għal kwalifiċi u premijiet relatati mal-mod kif wieħed jittratta ma' gruppi speċifiċi (eż. il-Lingwa tas-Sinjali jew l-użu tat-teknoloġija biex tikkomunika).

### 4. Ippjana negożju bbażat fuq id-domanda

Tista' testendi aktar l-attività u ddaħħal l-informazzjoni mill-klijenti fuq kif jaħsbu huma li għandu jopera n-negożju, billi torbot il-ħtiġijiet tal-klijenti ma' strateġija kummerċjali: **billi tpoġġi l-ħtiġijiet tal-klijenti fil-qalba tal-ippjanar tan-negożju tiegħek**.

Dan l-approċċ għandu jiżgura li d-**diversità tal-ħtiġijiet tal-klijenti** tkun riflessa fi kwalunkwe ppjanar għat-tiħiħ tan-negożju, u li jgħinek tikkunsidra wkoll modi kif twieġeb għal din id-diversità (f' termini tal-profil tal-impjegati, tal-kreattività, tal-attitudnijiet, u tal-ħtiġijiet ta' taħriġ u ta' żvilupp).

Dan jista' jkun sofistikat kemm trid int u jista' jvarja mill-użu tal-opinjoni tal-klijenti (miksuba permezz ta' konverżazzjonijiet informali) għat-titjib tal-aċċess għal prodott jew għal servizz, għat-twettiq ta' riċerka strutturata tas-suq permezz ta' ġabra tad-data tal-klijenti biex tinforma diversifikazzjoni futura tal-prodotti jew tas-servizzi jew strateġija ta' taħriġ għall-impjegati.

#### Kif tagħmel dan

✓ **Minn firxa varjata ta' klijenti (u ta' klijenti potenzjali) skopri l-ħtiġijiet tagħhom** – permezz ta' diskussjonijiet informali jew ta' approċċi ta' s'tħarriġ aktar formali (possibbilment billi tuża organizzazzjoni



esterna li tagħmel l-istħarriġ jew billi tiżviluppa tiegħek stess – jeżistu siti elettroniċi li jagħmlu stħarriġ bla ħlas jekk ikollok aċċess għall-klijenti bil-posta elettronika.

- ✓ **Daħħal din l-informazzjoni fl-ippjanar u fl-iżvilupp tan-negozju:** ipprova aqgħti dak li jridu n-nies (raġuni ekonomika) minn firxa ta' perspettivi differenti ħalli l-bidliet fin-negozju tiegħek ikunu konsistenti ma' firxa varjata ta' talbiet tas-suq u biex ma jiġux esklużi (fejn possibbli) klijenti potenzjali.
- ✓ **Ipprova żomm din it-tip ta' reazzjoni fil-pjanijiet tiegħek fuq bażi regolari,** xi kumpaniji jkollhom sistema esterna formali aċċessibbli ta' komunikazzjoni bbażata fuq ir-reazzjonijiet tal-klijenti permezz tal-internet, iżda xi wħud jistgħu jibbażaw biss fuq konverżazzjonijiet regolari u forsi wkoll fuq xi kwestjonarju annwali li jippermetti reazzjonijiet u ideat ġodda mill-klijenti (kemm eżistenti kif ukoll ġodda).
- ✓ **Jekk teżamina n-negozju tiegħek regolarment, inkludi dawn ir-reazzjonijiet fil-proċess,** jew ikkunsidra dan meta twettaq proċeduri oħrajn regolari (eż. wara li tara l-kontijiet annwali jew il-valutazzjonijiet tal-likwidità kull tliet xhur) biex din issir parti mir-rutina tiegħek.

## 5. Tejjeb il-komunikazzjoni mal-impjegati

Filwaqt li bosta intrapriżi zġhar u medji (SMEs), u b'mod speċjali n-negozji mikro, jibbenefikaw minn approċċ informali u flessibbli għall-mod kif jiġu għestiti l-impjegati, **dan l-istil informali jista' wkoll ikun problema** għal xi ħaddiema li għandhom mnejn ma jkunux kapaċi jinvolvu ruħhom. Dan jista' ma jiġix innotat jekk ma jkunx indirizzat b'mod iżjed formali, iżda m'hemmx għalfejn ikun ikkumplikat; għandu jkun sempliċiment strutturat u loġiku.

Għalkemm il-manigġers ta' negozji zġhar u mikro sikwit ikollhom l-opportunità li jikkomunikaw mal-impjegati tagħhom ta' kuljum, **approċċ strutturat sabiex jippermetti l-komunikazzjoni hu ta' benefiċċju,** peress li komunikazzjoni interna ċara tippromwovi l-iskambju ta' ideat, għerf, informazzjoni, u tevita l-iżvilupp tal-problemi.

### Kif tagħmel dan

- ✓ **Laqgħat regolari għall-impjegati.** Dawn jista' jkollhom enfasi kummerċjali jew soċjali, iżda kun ċert li ma jeskludux nies minħabba l-ħin jew il-post. Fejn possibbli huwa importanti li jsiru laqgħat strutturat, b'aġenda miftiehma (imqassma minn qabel), li jkunu mmexxija b'mod li jippermetti **kontribut ġust u ugwali.** Jekk dawn il-proċeduri mhumiex possibbli,

ipprova tal-anqas alloka ħin regolari, anki jekk ikun ta' f'it minuti biss, meta l-ħaddiema jistgħu jiltaqgħu u jipprovdur l-fehmiet tagħhom fuq xi kwistjoni partikolari.

- ✓ Fejn ma jkunx possibbli li jsiru laqgħat formali għall-impjegati, **ħeġġeġ lill-impjegati biex jissuġġerixxu ideat,** jekk ikun meħtieġ b'mod anonimu, b'mod verbali jew bil-miktub (eż. mal-bords jew fil-kaxxa tal-ideat).
- ✓ Jekk l-impjegati diġà jiltaqgħu b'mod formali jew informali regolarment, bħal pereżempju f'sessjonijiet ta' valutazzjoni tal-prestazzjoni jew f'laqgħat soċjali, **uża dawn l-opportunitajiet għal reazzjonijiet mingħand l-impjegati.**
- ✓ Assigura dejjem li fejn ikunu qegħdin jiġu ttrattati kwistjonijiet sensitivi, jew fejn l-impjegati jitolbu dan, **tiġi mħarsa l-kunfidenzjalità.**

## 6. Ikseb dehra u reputazzjoni aħjar

**Uża l-impenn tiegħek lejn dawn l-approċċi tad-'Diversità'** (eż. billi tkun aktar sensitiv lejn il-klijenti) bħala għodda tan-negozju sabiex ittejjeb ir-reputazzjoni u tirbaħ in-negozju, b'mod speċjali minn kumpaniji akbar u organizzazzjonijiet mis-settur pubbliku. Għall-kumpaniji mikro, din il-parti tad-'Diversità' tfisser li turi li inti impjegatur tajjeb (anki jekk tkun diġà) billi jkollok ammont zġħir ta' dokumentazzjoni f'postha bħala evidenza, li għandha tgħolli l-profil u r-reputazzjoni tiegħek.

Il-kumpaniji l-kbar mis-settur privat u l-organizzazzjonijiet pubbliċi (governattivi) qegħdin jeħtieġu dejjem aktar lin-negozji mikro u lill-SMEs biex jibagħtu informazzjoni dwar il-**politiki tad-'Diversità'** (approċċi) tagħhom meta jixħtu l-offerti tagħhom għall-kuntratti. Ġie ppruvat li l-fatt li jkun hemm fis-seħħ dawn il-politiki (approċċi) jgħin lill-kumpaniji biex jirbħu l-kuntratti.

### Kif tagħmel dan

- ✓ **Żviluppa linji politiki** (approċċi) **formali, anki jekk bażiċi, dwar id-'Diversità'.** Dan ifisser li, anki jekk forsi diġà qed tagħmel ħafna mill-affarijiet issuġġeriti hawn, hu importanti li żżomm rekord ta' dak li tagħmel: iżda żommu sempliċi. Dan jista' jkun sinjal zġħir li jiddikjara l-impenn tiegħek favur id-dinjità fil-post tax-xogħol jew agħmel paġna b'lista twila tal-affarijiet li diġà tagħmel fir-reklutaġġ jew fit-taħriġ. Jekk tagħmilha, ara li jkollok xi evidenza biex turi dan.
- ✓ Tista' testendiha aktar billi **tistabbilixxi xi miri ta' dak li tixtieq tikseb.** Tista' tkun lista qasira tal-affarijiet li trid tagħmel matul is-sena ta' wara (miri) magħmula bl-għajnuna tal-impjegati (eż. li tittratta l-kwistjoni tal-ħidma flessibbli madwar il-btajjel reliġjużi).
- ✓ Jekk għandek xi **taħriġ** ippjanat, uri kif dan jinkludi xi **kwistjonijiet tad-'Diversità'** (dan jista' jkun billi sempliċiment titgħallem dwar id-drawwiet kulturali differenti tal-klijenti ġodda potenzjali) u agħmel nota tagħhom għar-rekords tiegħek.

✓ Jekk **irreklutajt** jew qed taħseb biex tirrekluta xi nies, niżżeġ x'għamilt ħalli ssegwi xi wħud mill-**approċċi tad-'Diversità'**. Dan tagħmlu għall-evidenza iżda tista' tara wkoll x'irnexxa u semplicitment tirrepetih jew ittejbu.

✓ Jekk għandek **manwal jew linji gwida ġenerali** tista' tinkludi fihom dikjarazzjonijiet dwar id-'Diversità'. Id-ditti mikro jistgħu jipproduċu dikjarazzjoni qasira li d-'Diversità' u l-promozzjoni tad-dinjità fix-xogħol qegħdin jittwettqu fil-post tax-xogħol. Dan jista' jiġi fformulat biex jaqbel mal-post tax-xogħol u jkun parti mill-bażi tal-evidenza tiegħek.

✓ L-intrapriżi żgħira u medji (SMEs) jistgħu **jissorveljaw u jirreġistraw l-informazzjoni dwar l-impjegati u l-klijenti** biex isegwu l-firxa ta' persuni impjegati u moqdija. Dan jista' jserwi bħala linja bażi għal strateġija, flimkien ma' ħarsa ġenerali annwali sabiex jiġi vvalutat il-progress. Madankollu, fil-każ tan-negozji mikro, ikun daqstant ieħor utli li tiddikjara li inti konxju tal-**firxa ta' persuni** li tittratta magħhom (eż. anzjani, żgħażaġh, l-isfond tan-nies, irġiel, nisa, eċċ.) u ta' dak li jikkontribwixxu. Mhux dejjem ikun possibbli jew legali li jkollok rekords dettaljati fuq kulħadd.

## 7. Evalwa dak li tkun għamilt

Bħal kull ħaġa oħra li tagħmel li taffettwa n-negozju tiegħek, hu importanti li **taħseb dwar l-impatt li kellha din il-ħaġa u għal liema prezz (ħin, sforz, riżorsi)**. L-istess jgħodd għal dawn

is-suġġerimenti; inkella għandu mnejn li ma tkunx tista' tara l-benefiċċju ta' dak li tkun għamilt jew saħansitra tirrealizza li ppruvajt tagħmel haġna affarijiet f'daqqa u malajr.

**L-evalwazzjoni għandha tkun proċess konġjunt** (fejn possibbli) li tgħin lis-sidien, lill-manigera u lill-impjegati jifhemu għaliex ikunu qed jittieħdu dawn l-approċċi. L-evalwazzjoni ta' dak li sar hi tajba wkoll biex iżżomm lin-nies involuti, tinkoraġġixxi kwalunkwe approċċi futuri u tbidel l-attitudnijiet.

## Kif tagħmel dan

✓ Qabel u wara li tadotta xi wieħed mill-approċċi elenkati hawnhekk, **aħseb dwar dak li trid tikseb minnu għalik u għan-negozju tiegħek** (eż. relazzjonijiet aħjar bejn il-ħaddiema, żieda fil-produttività, ambjent tal-post tax-xogħol aktar ferrieħi, bażi akbar ta' klijenti, eċċ.). Imbagħad tkun tista' tagħmel ġudizzju dwar l-impatt tiegħu meta tqabblu mal-aspettattivi tiegħek. Dan jista' jsir b'mod speċifiku ħafna **b'sett ċar ta' miri** marbuta mad-dħul u l-fatturi demografiċi tas-swieq tiegħek jew semplicitment billi tikseb **reazzjoni mill-ħaddiema** fi żminijiet differenti biex tieħu idea tal-moral tagħhom.

✓ **Aħseb dwar dak li poġġejt fil-proċess f'termini ta' ħin u riżorsi**. Dan jista' jkun sempliċi billi tqatta' ftit minuti taqra dawn is-suġġerimenti u tiddeċiedi li tagħmel diskussjoni mal-ħaddiema, biex taddotta pakkett komplet ta' valutazzjonijiet

tad-'Diversità' u linji bażiċi għan-negozju tiegħek.

✓ Imbagħad tkun tista' taħseb dwar il-**benefiċċji u tqabbilhom mar-riżorsi** li poġġejt. Il-benefiċċji jistgħu jinkludu: soluzzjonijiet biex jimtela post battal; indirizzar tal-assenteiżmu; aċċess għal swieq ġodda; prestazzjoni aħjar fi swieq eżistenti, aċċess għat-talenti, li toħroġ l-aħjar mill-ħaddiema eżistenti, żieda fl-innovazzjoni/kreattività jew titjib fir-reputazzjoni.

## 8. Ikseb għajnuna u appoġġ

F'din il-gwida ssib **firxa ta' suġġerimenti** b'dak li tista' tagħmel biex tapplika forma ta' approċċ lejn id-'Diversità', iżda, bla dubju din il-gwida mhux se tipprovdi lek it-tweġibiet kollha. Meta l-persuni jħossu li qegħdin jitħabtu żżejjed biex jifhemu x'jistgħu jagħmlu jew meta jkunu jridu jmexxu l-affarijiet aktar 'il quddiem, hu importanti li jiksibu l-għajnuna; u minn din isibu bil-bosta.

✓ Għal parir affidabbli, ħafna sidien għandhom it-tendenza li jirreferu għall-**kontabilista, għall-konsulent finanzjarju, għall-avukat jew għal relazzjoni fil-qrib tagħhom**. Madankollu, hemm bosta istituzzjonijiet pubbliċi u privati oħra li joffru għajnuna professjonali; ħafna minnhom bla ħlas jew b'miżata minima.

✓ **Il-muniċipalitajiet, l-organizzazzjonijiet kummerċjali, il-kmamar tal-kummerċ, in-netwerks tas-sidien tan-negozji, l-unjins u l-assoċjazzjonijiet professjonali** huma sorsi ta' informazzjoni utli ħafna, b'mod partikolari jekk diġà qed tħallas għas-servizzi tagħhom u għandek kuntatt regolari magħhom.

✓ F'ħafna każijiet tista' **ftitex fuq l-internet** u ssib il-materjal li teħtieġ (bla ħlas) u f'din il-gwida hemm xi ħoloq importanti li tista' tidda minnhom.

✓ Xi SMEs użaw **konsulent tan-negozju** mill-istituzzjoni finanzjarja tagħhom (bank jew sponser) u **s-sidien ta' negozju u manigera oħra** jistgħu jkun sors siewi ta' parir.

✓ Ilda b'kuntatt li tafda u sib min **qiegħed fl-aħjar pożizzjoni biex jgħinek** jew ara **riżorsi fl-aħħar ta' din il-gwida** u sib kuntatt marbut man-negozju tiegħek jew irrikkorri għand il-kamra tal-kummerċ taż-żona tiegħek. Teżisti ħafna informazzjoni b'xejn, u għandek tuża lilha l-ewwel!

✓ **Fil-laqgħat tan-negozji lokali** jew fil-fieri kummerċjali **tista' tiddiskuti l-opinjoni tiegħek ma' sidien oħra**, ma' manigera jew ma' kuntratturi potenzjali. Fittex netwerks ta' negozju għal negozju fiż-żona tiegħek jew uża l-katini tal-provvista tiegħek biex tikseb tagħrif mingħand negozji oħrajn.

- ✓ Għandek mnejn issibha utli li tiddiskuti l-ħtiġijiet tan-negozju tiegħek ma' xi ħadd li hu **barrani għan-negozju** (eż. min-netwerk ta' appoġġ għan-negozji lokali) li jkun jista' jara n-negozju tiegħek minn 'għajnejn' ġodda (u indipendenti).
- ✓ Fil-każ tan-negozji mikro u ta' dawk mingħajr rwol formali tar-Riżorsi Umani, ara li tfittex għajnunna li ma tkunx titkellem biss dwar l-approċċi tad-'Diversità', iżda li turik **ir-rabta bejn l-approċċi u l-benefiċċji** li tista' ġġib għan-negozju tiegħek permezz ta' parir Prattiku speċifiku.

- ✓ Jekk tuża persuna speċifika minn barra n-negozju biex toffri appoġġ, ara li din **issegwi sal-aħħar il-proċess** f'termini tal-implimentazzjoni ta' kwalunkwe bidliet (eż. billi tkun parti mill-proċess tal-intervisti) u tipprovdi valutazzjoni ta' kemm irnexxa l-approċċ.
- ✓ **Iddiskuti l-approċċi u l-kwistjonijiet** mal-ħaddiema u l-ħbieb.

## Aktar pariri

Għal dawk il-kumpaniji li jridu jew li għandhom bżonn ta' **informazzjoni aktar dettaljata** dwar kif jersqu lejn id-'Diversità' jew li forsi jkomplu dak li qegħdin jagħmlu ('Il-Vjaġġ tad-Diversità'), **il-lista ta' kontroll dwar id-Diversità u l-indikaturi għall-oqsma ewlenin** li ġejjin, se jmexxuk aħjar u jespandu aktar fuq l-aqwa 8 suġġerimenti deskritti qabel.





## Lista ta' kontroll dwar id-diversità

Din hu format bażiku li tista' tuża jekk tkun trid tevalwa n-negozju tiegħek b'rabta ma' kwistjonijiet speċifiċi tad-**Diversità**. Dan jista' jgħinek tifhem dak li diġà qed tagħmel u dak li jeħtieġ isir. Xi kultant din il-formola tissejjaħ '**L-Analiżi tal-Ħtiġijiet tad-Diversità**'.

Introduzzjoni	
1. Iddeskrivi l-għan tiegħek biex tikseb forza tax-xogħol aktar varjata	
2. Oħloq strateġija jew pjani biex tikseb id-diversità	
3. Involvi lill-impjegati biex ikunu jistgħu japprezzawhom u jagħtu kontribut	
4. Iġbor u ssorvelja l-informazzjoni dwar dak li beħsiebek tagħmel	
Promozzjoni	
5. Ippromwovi l-għanijiet tiegħek dwar id-diversità lill-klijenti eżistenti u ġodda	
6. Ħarreġ lill-impjegati fuq kif jitrattaw ma' grupp usa' ta' klijenti	
7. Addotta t-tattiki meħtieġa biex tintlaħaq bażi usa' ta' klijenti	
8. Ikseb reazzjonijiet mill-klijenti u evalwa l-opinjoni u l-informazzjoni	
9. Skopri kif il-liġi taffettwa r-responsabbiltà tiegħek lejn il-klijenti	
Reklutaġġ	
10. Iddeskrivi l-għan u l-pjan tiegħek li tirrekluta minn grupp usa' ta' ħaddiema	
11. Esplora l-appoġġ li tista' tikseb biex issostni l-pjan tiegħek dwar ir-reklutaġġ (eż. minn organizzazzjonijiet statali jew pubbliċi)	
12. Oħloq, evalwa u biddel (jekk meħtieġ): Deskrizzjonijiet tax-xogħol/speċifikazzjonijiet tal-persuni Reklami tax-xogħol Dokumentazzjoni tal-applikazzjonijiet Approċċi dwar l-għażla u l-intervisti Kuntratti u termini ta' referenza	
13. Ipprovi taħriġ dwar ir-reklutaġġ lil dawk kollha involuti fil-proċess	
14. Wettaq il-bidliet neċessarji fil-post tax-xogħol għall-impjegati l-ġodda	
15. Iġbor u evalwa l-informazzjoni dwar l-applikanti	
16. Skopri kif il-liġi taffettwa r-responsabbiltà tiegħek lejn l-impjegati	
Żamma	
17. Kun żgur li l-impjegati huma rrappreżentati fin-negozju	
18. Kun żgur li l-opportunitajiet (eż. taħriġ, promozzjoni) ikunu miftuħin għal kulħadd	
19. Ippromwovi r-rispett u d-dinjità fost l-impjegati	
20. Iġbor u evalwa l-informazzjoni dwar l-impjegati b'rabta mal-pożizzjonijiet	
21. Aġixxi kontra l-fastidju u d-diskriminazzjoni	
22. Fejn possibbli aħdem mal-impjegati biex tippermetti kundizzjonijiet flessibbli	

Isem tal-Kumpanija	
Iffirmata minn	
Kariga	
Data	
Firma	

## Indikaturi għall-oqsma ewlenin

### Deskrizzjoni tax-xogħol

Stabbilixxi r-rwoli u l-kompiti ewlenin ta' post battal ħalli tkunleq eħfef biex tirrekluta l-persuna x-xierqa.

- ✓ **Elenka l-kompiti li taħseb li se jinvolvi x-xogħol** (iżda żomm dan għal massimu ta' 10, tinkludix kull dettall u tesaġerax b'20).
- ✓ **Meta telenka l-kompiti ewlenin, iffoka fuq l-azzjonijiet aktar milli fuq it-termini ġenerali** bħal 'kun responsabbli għal' eċċ.
- ✓ **Żomm il-lingwaġġ sempliċi** u ħieles minn terminoloġija vaga.
- ✓ **Evita kull ħaġa li tista' tiskoraġġixxi lil xi ħadd** li jkun kapaċi jagħmel ix-xogħol billi japplika.
- ✓ **Aktar milli toqgħod tgħid fid-dettall kif għandu jsir ix-xogħol, kun ċar fuq dak li trid mingħand l-impjegat/a.**
- ✓ **Kun ċar dwar il-kariga tal-post battal**, inkludix fuq kwalunkwe responsabbiltà maniġerjali li tista' tkun meħtieġa u l-min se tirrapporta l-persuna.
- ✓ **Jekk ikun xieraq, iddefinixxi r-riżultati u l-eżiti meħtieġa.**
- ✓ **Iddaħħal kwistjonijiet speċifiċi ħafna**, bħall-grad tal-impjegat jew il-ħinijiet tax-xogħol li jistgħu jinbidlu u jaffettwaw l-forza tax-xogħol kollha, għax dan ikun ifisser li jkollok tbiddel id-deskrizzjoni tax-xogħol ta' kulħadd. Minflok, dawn għandhom jinżammu f'**dokument separat** (manwal), biex tibdilhom darba biss.

## Speċifikazzjoni tal-persuna

Uża din biex tiddefinixxi l-karatteristiċi tal-impjegat/a meħtieġa.

- ✓ **Żomm il-lingwaġġ sempliċi** u ħieles minn terminoloġija vaga.
- ✓ **Evita kull ħaġa li tista' tiskoraġġixxi lil xi ħadd** li jkun kapaċi jagħmel ix-xogħol billi japplika.
- ✓ **Kun ċar u ddefinixxi l-ħiliet, l-għerf u l-esperjenza ewlenija**, aktar milli l-kwalifiċi speċifiċi – dawn speċifikahom biss jekk il-liġi tkun titlob dan għall-kariga partikolari.
- ✓ **Itlob prova ta' esperjenza ta' suċċess** u mhux neċessarjament meta nkisbet.
- ✓ **Kun razzjonali dwar ir-rekwiżiti meħtieġa.** Toħloq aspettattivi foloz dwar in-natura tax-xogħol u tissottovalutax il-kumplessità tal-kompiti involuti.
- ✓ **Evita stqarrijiet ġenerali li taħseb li jikkarakterizzaw it-tip ta' persuna li għandek bżonn** iżda, minflok, qis li dawn ikunu bbażati fuq interpretazzjoni personali, bħal: 'sens tajjeb ta' umoriżmu' jew 'affidabbli, kapaċi jrażżan l-istress'.
- ✓ **Evita li ssemmi l-età jew it-tip ta' persuna** (eż. matura, miftuħa).
- ✓ **Qis li l-mobbiltà** ma tkunx tiddependi fuq il-ħila li ssuq karozza.
- ✓ **Ħalli lill-individwi joffru esperjenza rilevanti minn kull parti ta' ħajjithom**, mhux biss impjegati preċedenti.





Kun żgur li tspecifika liema mir-reqwiżiti huma **'Vitali'** u liema jistgħu jkunu **'Utli'**. Jekk l-applikanti ma jkollhomx il-kriterji **'Vitali'**, f'dak il-każ jistgħu jitwarrbu.

Kun żgur li l-applikanti jkunu jistgħu **jaċċessaw u jifhemu faċilment** din l-informazzjoni kollha; inkella tkun f'lejt f'inek.

### Kif tirreklama post battal

Kun żgur li r-reklam jorbot direttament mad-deskrizzjoni tax-xogħol u mal-ispeċifikazzjoni tal-persuna.

- ✓ **Żomm il-lingwaġġ sempliċi** u f'ieles minn terminoloġija vaga, uża biss termini li huma rilevanti għall-impjieg u **evita lingwaġġ li jiskoraġġixxi lil xi ħadd** li hu kapaċi jagħmel ix-xogħol.
- ✓ Poġġi r-reklam fejn hu l-aktar probabbli li jattira l-livell xieraq ta' applikanti fis-suq tax-xogħol (eż. il-livell professjonali, il-livell tal-gradwati, il-livell ta' nies tas-sengħa, eċċ.), iżda **tillimitahx** għal sezzjoni tal-komunità waħda biss.
- ✓ **Esplora l-opportunitajiet bla f'forums pubbliċi u għand organizzazzjonijiet statali.**

- ✓ **Irreklama permezz ta' netwerks tal-komunità lokali**, inklużi dawk diretti lejn gruppi speċifiċi (eż. minoranzi etniċi, persuni b'diżabbiltà).
- ✓ Jekk tuża aġenzija tar-reklutaġġ, iċċekkja li l-azzjonijiet tagħha **ma jeskludu lil ebda persuna** li d-deskrizzjoni tiegħek tkun maħsuba li tattiraha.
- ✓ Inkludi **dikjarazzjoni ġenerali dwar l-intenzjonijiet ta' reklutaġġ tiegħek**, bħal 'nilqgħu applikazzjonijiet minn kull sezzjoni tas-soċjetà.'
- ✓ Sakemm ma jkunx jista' jiġi ġġustifikat (fuq bażi legali) **evita termini li jispeċifikaw ċertu ġeneru, reliġjon, oriġini etnika, orjentazzjoni sesswali, kultura, età, jew xi kundizzjoni ta' saħħa.**
- ✓ Żomm mal-**ħiliet, mal-kompetenzi u mal-esperjenza** meħtieġa għall-impjieg.
- ✓ Ipprovi **informazzjoni rilevanti** relatata mal-kariga: eż. paga, post, responsabbiltajiet maniġerjali – skont l-ispeċifikazzjoni tax-xogħol.
- ✓ Iddefinixxi b'mod ċar **kif għandhom japplikaw l-applikanti, id-data tal-għeluq u d-dati tal-intervisti.**
- ✓ Agħti **kitba b'saħħitha** lir-reklam, agħmlu li jolqot lill-qarrejja u lil min sempliċiment jahar u timlihx iżżejjed bil-kitba: aħseb fuq reklam li, qabelxejn, jattira lilek.

### Kif tagħżel il-persuna xierqa għall-impjieg

Formola tajba tal-applikazzjoni għandha tippermettitek li tagħmel **ġudizzju ċar** dwar il-kandidat/a fl-isfond tad-deskrizzjoni tax-xogħol u tal-ispeċifikazzjoni tal-persuna. Ikkun aħjar jekk din issir fuq formola standard, u għaldaqstant **ma jkollokx bżonn ta' Curriculum Vitae (CV).**

- ✓ Fejn ikun possibbli ikun utli li **tirreġistra tagħrif dwar it-tipi ta' nies li japplikaw** (eż. l-età, l-oriġini etnika, id-diżabbiltà, eċċ.) iżda żomm dan lil hinn mill-proċess tal-applikazzjoni u agħmilha ċara li dan qed isir biss għar-rekords tiegħek.
- ✓ Jekk tkun teħtieġ li tagħmel lista qasira, qis li tagħmel dan **biss fuq il-bażi tal-ispeċifikazzjonijiet li tkun iddeskrivejt:** evita ġudizzji personali.
- ✓ **Ivvaluta l-lista qasira tiegħek mal-impjegati u l-kollegi**, iżda neħħi kwalunkwe dettall personali qabel ma tagħmel dan: agħmilha kemm jista' jkun anonima.
- ✓ **Evita li tagħmel suppożizzjonijiet** u vvaluta kull kwalità tal-kandidati b'mod oġġettiv (eż. iffoka fuq il-ħila meħtieġa biex il-persuna tikseb kwalifika, mhux kemm hi riċenti jew minn fejn kisbet il-kwalifika tagħha).
- ✓ **Jekk se tagħmel l-intervisti, iprova ara li jkollok tal-anqas żewġ persuni preżenti** u kun żgur li t-tnejn ikollhom l-informazzjoni kollha rilevanti u li jkunu qablu fuq l-approċċ tiegħek minn qabel.

- ✓ **Qis li tkun taf il-ħtiġijiet li l-applikanti jista' jkollhom** biex jaslu għall-intervista u f'waqtha. Dan jista' jsir mill-informazzjoni li jkunu pprovdew jew minn diskussjoni informali qabel il-laqgħa.
- ✓ **Iddeċiedi l-mistoqsijiet tal-intervista** minn qabel u ddiskutihom mal-kollegi u mal-impjegati. Kun ċert li dawn jidentifikaw il-ħiliet, l-esperjenza u l-kompetenzi tal-applikanti b'rabta mad-deskrizzjoni tax-xogħol u mal-ispeċifikazzjoni tal-persuna.
- ✓ **Żviluppa sistema ta' punteġġ** biex tiġġudika t-tweġibiet tal-applikanti biha, fl-isfond tal-ispeċifikazzjonijiet li tkun iddefinjett. Tiġġudikax il-kandidati billi tqabbilhom ma' xulxin.
- ✓ **Ikkunsidra x'jeħtieġ li jsir** biex tkun tista' timpjega l-aħjar kandidat/a, eż. taħriġ fil-lingwa, ħtiġijiet ta' aċċess jew tagħmir ġdid.
- ✓ **Implimenta approċċ ta' eżaminazzjoni oġġettiva** jekk il-kandidati jkun meħtieġ li jkollhom xi ħila jew xi għarfien speċifiku biex jagħmlu x-xogħol u agħti punteġġ għar-riżultati tagħhom.
- ✓ **Iddiskuti l-intervista u r-riżultati tal-eżami** ma' kull min kien parti mill-proċess.
- ✓ **Informa lin-nies malajr kemm jista' jkun** dwar id-deċiżjoni u pprovi, jew tal-anqas offri, kummenti kostruttivi lill-kandidati li ma jintgħażlux.

## Żamma tal-impjegati

- ✓ L-induzzjoni għandha tinkludi **taħriġ dwar ix-xogħol, orjentament, linji politiċi u gwida għat-tipi ta' mgħiba** aċċettati fil-post tax-xogħol tiegħek.
- ✓ **Ipprovi aċċess għal taħriġ fil-karriera**, fosthom opportunitajiet ta' żvilupp personali.
- ✓ **Ipprovi taħriġ dwar id-'Diversità'**, li jista' jkun magħmul minn sempliċità f'tit ideat bażiċi dwar kif wieħed jitratta ma' kulturi differenti b'rabta mal-kollegi tax-xogħol u l-klijenti.
- ✓ **Iddikjara t-twemmin tiegħek taż-żamma tad-dinjità fil-post tax-xogħol** u li kwalunkwe tip ta' fastidju u bbuljar mhu tajjeb għal ħadd, inkluż għan-negozju tiegħek.
- ✓ **Fejn ikun possibbli addotta ħidma flessibbli** mal-impjegati biex takkomoda ħtiġijiet differenti, anki jekk din tkun biss temporanja, ħalli żżomm miegħek staff ta' ħaddiema mħarrġa u leali.
- ✓ **Qis li l-impjegati jkunu jistgħu jikkomunikaw** fil-post tax-xogħol (joffru l-ħsbijiet tagħhom jew jesprimu l-opinjoni, l-ideat jew il-problemi li jkollhom). Dan jista' jsir permezz ta' diskussjonijiet formali jew informali u fejn ikun meħtieġ żomm il-kunfidenzjalità.
- ✓ **Evalwa u implimenta ideat** li jistgħu jtejbju l-proċeduri tax-xogħol tal-impjegati u għalhekk iżidu l-produttività.
- ✓ **Ikteb (fejn ikun possibbli) proċeduri dixiplinarji u ta' lment** u ara li kulħadd ikun jaf dwarhom.

- ✓ **Issorvelja u vvaluta l-informazzjoni** dwar l-attivitajiet tal-impjegati, il-prestazzjoni, il-kariga, il-miri, ir-responsabbiltajiet, l-assenteiżmu u l-mard.
- ✓ **Skopri liema istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet pubbliċi jistgħu jgħinuk** biex issostni n-negozju tiegħek, meta tipprova tagħmel bidliet għan-nies fil-post tax-xogħol.

## Kif tippromwovi n-negozju

Aħseb fuq dak li qed toffri: meta l-**prezz, il-prodott jew is-servizz** ikunu simili għal dawk tal-kompetituri tiegħek, tkun teħtieġ xi ħaġa oħra biex tattira u żżomm in-negozju.

- ✓ **Sfrutta l-ħiliet u l-kwalitajiet diversi tal-impjegati tiegħek** bħala l-vantaġġ kompetittiv tiegħek.
- ✓ Tista' żżomm in-negozju u **ttejjeb seħmek fis-suq permezz tar-reputazzjoni tiegħek bħala impjegatur tajjeb** u billi turi li inti konxju tal-ħtiġijiet differenti tal-klijenti tiegħek.
- ✓ **Forza tax-xogħol li tirrifletti l-bażi tal-klijenti tagħha** aktarx li tkun (jew tal-anqas tidher li tkun) familjari mal-ħtiġijiet tal-klijenti tagħha u lesta li tissodisfahom.
- ✓ **Uża u sfrutta l-attivitajiet tad-'Diversità'** li tagħmel, billi tirreklamahom mal-klijenti.

- ✓ **Meta żżomm evidenza tal-attivitajiet** li tagħmel tkun qed iżżomm materjal utli ħafna għal meta tiġi biex tixħet l-offerti għal kuntratti/sejħiet għal offerti (eż. bulettini ta' informazzjoni, reklami, sqarrijiet għall-istampa, avviżi mal-ħitan, linji politiċi, strateġiji, rapporti tal-kumpanija, siti elettroniċi, eċċ).
- ✓ **L-impjegati jipprovdu reklam importanti** għan-negozju jekk l-esperjenza personali tagħhom fil-post tax-xogħol tkun pożittiva.
- ✓ **Li tifhem l-isfond u l-ħtiġijiet** ta' elementi differenti ta' forza tax-xogħol varjata, ifisser li hemm ċans akbar li tattira klijenti simili.
- ✓ Tista' twieġeb għad-domandi differenti tas-suq billi **tiddiskuti kif għandek tbidel il-prodott jew is-servizz tiegħek** mal-impjegati u mal-klijenti.

- ✓ **Bidliet żgħar jistgħu jagħmlu differenza għal-klijenti**, eż. id-disinn ta' ġewwa, stampi (mhux offensivi), il-kuluri, it-tqassim, l-ammont ta' siġġijiet/postijiet fejn joqogħdu bilqiegħda – xi jġiegħelhom iħossuhom milqugħa?
- ✓ Minflok tara d-differenza bħala problema għan-negozju tiegħek, **ifhem kif il-prodotti u s-servizzi tiegħek jistgħu jieħdu benefiċċju minnha**, gruppi differenti għandhom qawwa ta' nfiq enormi.
- ✓ **Aħseb fuq id-diversità tas-swieq tiegħek** (ikkunsidra l-aspetti demografiċi) u żviluppa strateġija biex tilħaqhom. Kun għaqli – ieqaf aħseb u ħejji ruħek!





## Riżorsi

### Pubblikazzjonijiet mill-Kummissjoni Ewropea

*Guide for Training in SMEs (2009)\**

*The SME Business Case for Diversity (2008)\*\**

*Turning 'Diversity' into Talent and Competitiveness for SMEs (2008)\*\**

*Continuing the Diversity Journey, Business Practices, Perspectives and Benefits (2008)\*\**

*The Business Case for Diversity – Good Practices in the Workplace (2005)\*\**

\* Dokument disponibbli bl-Ingliż biss.

\*\* Id-dokumenti huma disponibbli biss bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż.

Dawn il-pubblikazzjonijiet huma disponibbli mis-sit elettroniku tal-Kummissjoni Ewropea, Id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq – <http://ec.europa.eu/social/>

### Ħoloq u kuntatti siewja

Kampanja ta' informazzjoni "Ngħożżu d-Diversità. Diskriminazzjoni Qatt." – <http://www.stop-discrimination.info>

"Kisser l-isterjotipi tal-ġeneru, agħti ċans lit-talent" – Għodda għall-SMEs – <http://www.businessandgender.eu/products>

Portal Ewropew għall-SMEs – [http://ec.europa.eu/enterprise/sme/index\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/enterprise/sme/index_mt.htm)

UEAPME – European Association of Craft, Small and Medium-sized Enterprises – <http://www.ueapme.com>

#### Malta

GRTU – Il-Kamra Maltija tan-Negożji Żgħar u Medji – <http://www.grtu.org.mt>

EUROCHAMBRES – L-Assoċjazzjoni tal-Kmamar Ewropej tal-Kummerċ u l-Industrija – <http://www.eurochambres.be>



La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna oħra li taġixxi f'isem il-Kummissjoni m'huma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2009

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali.

Stampi: JPH Woodland – © Il-Komunitajiet Ewropej

ISBN: 978-92-79-12157-9

doi: 10.2767/61329